**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta tal-Erbgħa 20 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Nru 193/2014 MLF**

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali Numru 1827/14**

**Ronald Pavia**

**vs**

**Dominic Anastasi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Dominic Anastasi f'ismu proprju u bhala dirigent ta' Dominic Anastasi Limited fejn espona is-segwenti:

Illi nhar it-22 ta' Mejju 2014 l-esponent gie notifikat bl-ittra ufficjali numru 1827/2014,ipprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti mill-intimat, Ronald Pavia, nhar il-15 ta' Mejju 2014 fejn huwa, prevja li ghamel referenza ghal kambjala wahda, interpella lill-esponent sabiex jghaddi ghall-hlas tal-valur tal-istess kambjala fl-ammont ta' elfejn u erba mitt Ewro (EUR2,400), oltre l-hlas tal-ispejjez relattivi.

Illi l-esponent jopponi l-ezekuzzjoni tal-istess kambjala u ghaldaqstant qieghed jipprevalixxi ruhu mill-jedd li jitlob is-sospensjoni ta' tali kambjala, u dan ghas-segwenti ragunijiet, ammissibbli fil-ligi, ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi effettivament l-ammont pretiz jirreferi ghal hlas ta' ammont ta' *cloth bags* illi r-rikorrent ordna minghand l-intimat, liema ordni mhijiex kontestata, u liema ordni sussegwentement giet ikkonsenjata lir-rikorrent.

Illi b'referenza ghal dina l-istess konsenja, l-esponenti ma ghandu l-ebda dokumenti li jindikaw l-ammont pretiz, u lanqas ma hemm invoices jew delivery notes li jaghmlu referenza ghal prezz li llum ir-rikorrenti qieghed jintalab ihallas.

Illi madanakollu l-esponent jirrileva illi kien hemm qbil verbali fejn il-partijiet qablu li l-hlas tal-istess ordni ma kellux ikun ta' aktar minn mitejn u hamsin Ewro (EUR250), VAT eskluz, u in vista tal-istess qbil, l-esponent hallas permezz ta' cheque esebit flimkien mal-ittra ufficjali suindikata, fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (EUR300) a saldu, sabiex ikopri wkoll il-VAT dovut.

Illi sussegwentement saret il-konsenja relattiva u s-Sur Pavia talab il-hlas li qieghed jippretendi li l-esponent ihallas illum, dwar liema ammonti ma kien hemm l-ebda qbil jew ftehim. Kien proprju ghalhekk li l-esponent irrifjuta li jhallas dan l-ammont.

Illi madanakollu l-intimat, ftit tal-granet wara rega acceda fuq il-post tax-xoghol tar-rikorrenti, senjatament gewwa l-istabbiliment maghruf ta' Dominic Anastasi Ltd. gewwa Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, meta minkejja li l-esponent **qatt** ma ffirma kambjali dwar dan in-negozju, gie ipprezentat b'kambjala li s-Sur Pavia stqarr, li kienet giet iffirmata mis-Sur Anastasi. Kien hawnhekk fejn is-Sur Pavia insista li din il-kambjala kienet giet iffirmata mir-rikorrenti, li min-naha tieghu, informah li l-firma li kien hemm fuq l-istess kambjala ma kienet tixbah xejn lil tieghu, u li l-istess firma kienet giet falsifikata minn dik ta' ibnu.

Illi l-esponent insista mas-Sur Pavia sabiex jiehu kopja ta' din il-kambjala, izda min-naha tieghu, is-Sur Pavia dahhal id-dokumenti kollha lura fil-bagalja bil-ghaggla u hareg 'l barra malajr, anke fil-prezenza ta' terzi persuni.

Illi l-esponent jirrimarka wkoll illi sar anke komunikat permezz tat-telefon fejn is-Sur Pavia insista li kellu jsir dan il-pagament anke jekk ma kien hemm l-ebda qbil dwaru. L-esponent huwa sahansitra informat illi f'telefonata permezz tat-telefon ma ibnu, l-istess Ronald Pavia qal dawn il-precizi kelmiet; "Ma jistax jaghmel zball bniedem?!". Bid-dovut rispett, ghalkemm wiehed jissimpatizza mas-Sur Pavia jekk dan kien il-kaz, bl-ebda ragunar ma huwa accettabbli li l-izball ibaghtih negozjant genwin wara li tigi ffalsifikata l-firma tieghu fuq kambjala li qatt ma giet f'idejh.

Illi mbaghad, bl-akbar sorpriza ghalih, ir-rikorrent gie notifikat bil-prezenti ittra ufficjali, flimkien ma' liema ittra kien hemm anness kopja **mhux awtentikata** ta' kambjala ohra, li ghaliha qieghda ssir referenza issa ghall-ewwel darba – Dok. RP1.

Illi b'referenza ghall-kambjala pprezentata l-esponent, bir-rispett, jehtieg jghid is-segwenti.

Illi l-esponent jikkontendi li l-firma li ggorr din l-istess kambjala mhijiex maghmula minnu, u li liema firma giet falsifikata. Ir-rikorrenti jzid jghid li huwa ma kellu l-ebda htiega jaghmel dan in-negozju permezz tal-uzu tal-kambjali partikolarment meta l-istess kambjala tirreferi ghal ammont pretiz li ghalih ma kien hemm l-ebda akkord, liema ammont qieghed jigi kkontestat minnu bhala infondat fil-fatt u fid-dritt, u aktar u aktar peress illi l-ammont li gie maqbul thallas minnu immedjatament permezz tac-cheque gia esebit in atti.

Illi ghaldaqstant il-prezenti rikors qieghed isir ai termini tad-dispost tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kambjala in ezami hija irrita u nulla stante li l-firma fuq l-istess mhijiex dik tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant l-esponent, filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u filwaqt li jirrizerva li jgib kwalsiasi prova ohra permissibbli fil-ligi, jitlob reverentement lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni ta' tali kambjala fil-konfront tal-esponent, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' Ronald Pavia fejn eccepixxa:

Illi l-esponenti jeccepixxi fl-ewwel lok in-nullita' tar-rikors odjern stante li r-rikors jinsab prezentat minn Dominic Anastasi f'ismu proprju u bhala dirigent ta' Dominic Anastasi Limited u mhux minn Ronald Pavia mentri l-okkju tal-azzjoni kif korrett jindika mod iehor.

Illi fi kwalunkwe kaz it-talba tar-rikors odjern ma tistax tinkwadra ruhha taht l-art. 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif jinghad fl-istess rikors u dan in kwantu dak li qieghed jintalab permezz tar-rikors odjern huwa merament is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala u mhux dikjarazzjoni fir-rigward tal-validita taghha. Is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tista' tintalab biss pendenti d-decizjoni fir-rigward tal-validita' tal-kambjala, fir-rigward ta' liema validita' ma saret l-ebda talba kif mehtieg mil-ligi entro t-terminu ta' ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali.

Illi jidher li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita hija limitata ghall-firem fuq l-istess kambjala annessa mal-istess ittra fejn ir-rikorrenti qieghed jikkontendi li din il-firma m'hijiex tieghu. Dan l-esponenti jichdu bl-aktar mod assolut stante li l-kambjala giet iffirmata mill-istess intima (sic) kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jidher li r-rikorrenti qieghed jipprova japprofitta ruhu ingustament mill-fatt illi, bi zball genwin ta' natura matematika u li bl-ebda mod ma jaffetwa l-validita' tal-kambjala mertu tal-azzjoni odjerna u tal-ittra ufficjali 1827/2014. Ir-rikorrenti Anastasi jikkontendi li l-prezz pattwit *"ma kellux ikun aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) VAT eskluz"*, pero' fl-istess waqt jikkonferma li huwa hallas ammont akbar minn dan u wkoll akbar mill-prezz, skond hu, pattwit. Fil-fatt dan l-ammont thallas bhala depozitu mill-prezz akbar pattwit u allura huwa l-istess rikorrenti li jikkontradici il-verzjoni moghtija minnu.

Illi dan kollu l-istess rikorrenti huwa a konixxenza tieghu stante illi, kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, kull dokument relattiv ghall-ftehim bejn il-partijiet gie debitament iffirmat mill-istess intimat jew minn mandatarji tieghu f'ismu prezenti fil-hanut tieghu stess.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jirrizulta car li fi kwalunkwe kaz ma jezistux l-estremi mehtiega mil-ligi sabiex il-kambjala ma tibqax ezekuttiva.

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huwa interament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollhaipprezentati.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2015, li bih innominat lil Dottor Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafiku sabiex jezamina l-firem fuq id-dokumenti kollha relattivi pprezentati f'dawn il-proceduri, u jsejjah kemm lil Dominic Anastasi kif ukol lill-ibnu Luke Anastasi ai finijiet ta' "ottemperazzjoni" (recte komparazzjoni).

Rat ir-rapport tal-espert Dottor Anthony Abela Medici minnu mahluf u ipprezentat fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016.

Rat in-nota ta' Ronald Pavia tat-28 ta' Novembru 2016, li fiha talab il-hatra ta' periti addizzjonali.

Rat id-digriet taghha fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017, li fih laqghet it-talba tar-rikorrent ghall-kancellament ta' dawn il-proceduri minn fuq il-lista' tal-Qorti.

Rat id-digriet moghti minnha kameralment fis-17 ta' Jannar 2018, li fih din il-Qorti irrevokat *contarario imperio* d-digriet taghha tas-6 ta' Novembru 2017, fejn laqghet it-talba tar-rikorrent sabiex dawn il-proceduri jigu kancellati minn fuq il-lista taghha, u orndat li l-proceduri fl-ismijiet premessi jigu mill-gdid imqieghda fuq il-lista taghha.

Rat id-digriet taghha fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2018, fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija laqghet it-talba tar-rikorrent sabiex tghaddi ghas-sentenza fuq l-atti li hemm fil-process, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru 2018, li fih cahdet it-talbiet tal-intimat Pavia fir-rikors tieghu tal-20 ta' Gunju 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, tiehu konjizzjoni tar-rapport tekniku *ex parte* li annetta mar-rikors tieghu, u li tordna l-hatra ta' periti addizzjonali.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Ir-rikorrent ordna minghand l-intimat numru ta' basktijiet tad-drapp, liema ordni giet sussegwentement ikkonsenjata lir-rikorrent.

2. Ir-rikorrent jghid li l-partijiet kienu ftehmu li l-prezz ta' din l-ordni kien ta' €270,, eskluz il-V.A.T., u hu kien hallas lill-intimat l-ammont ta' €300, permezz ta' cekk, akkont tal-prezz dovut.

3. Wara l-konsenja tal-ordni, l-intimat insista li l-prezz pattwit bejniethom kien ta' €2,700 u ghalhekk talab lir-rikorrent ihallsu l-bilanc minnu dovut.

4. In sostenn tat-tezi tieghu, l-intimat wera lir-rikorrent kambjala allegatament iffirmata mir-rikorrent, pero r-rikorrent insista li l-firma fuq il-kambjala ma kienitx tieghu, u li hu qatt ma iffirma kambjali, f'negozju li kellu mal-intimat. Pero r-rikorrenti jghid li l-firma kienet giet iffalsifikata setghet kienet dik ta' ibnu Luke Anastasi, li kien jahdem mieghu.

5. Ir-rikorrent jghid li ftit granet wara, l-intimat urieh kambjala ohra, allegatament iffirmata minnu, pero r-rikorrent insista li lanqas il-firma fuq din il-kambjala ma kienet tieghu.

6. L-intimat ipprezenta l-ittra ufficjali fuq imsemmija, biex jirrendi ezekuttiva kambjala fl-ammont ta' €2,700, kontra r-rikorrent. Ir-rikorrenti jinsisti li l-firma fuq din il-kambjala m'hijiex tieghu u giet iffalsifikata.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fir-risposta tieghu, l-intimat issolleva zewg eccezzjonijiet preliminari, ghalhekk huma dawn iz-zewg eccezzjonijiet li jridu jigu ikkunsidrati l-ewwel, u f'kaz li jigu t-tnejn rigettati, imbaghad il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

*L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari – In-Nullita tar-Rikors Promotur*

Fl-ewwel lok, ir-rikorrent qed jeccepixxi n-nullita tar-rikors promotur, stante li r-rikors gie pprezentat minn Dominic Anastasi f'ismu proprju u bhala dirigent ta' Dominic Anastasi Ltd, u mhux minn Ronald Pavia (sic), mentri l-okkju tal-azzjoni kif korrett jindika mod iehor.

Milli tista' tifhem din il-Qorti, ghax ir-redazzjoni ta' din l-eccezzjoni hija pjuttost neboluza, dak li jrid jghid l-intimat huwa li r-rikors promotur huwa null ghax ma giex ipprezentat minn Dominic Anastasi f'ismu proprju, kif jindika l-okkju tal-proceduri, izda minn Domenic Anastasi f'ismu propju u bhala dirigent ta' Dominic Anastasi Limited.

Huwa ovvju li l-ittra ufficjali fuq imsemmija saret kontra r-rikorrent f'ismu proprju biss, u dan huwa rifless fl-okkju ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk is-socjeta Dominic Anastasi Limited m'hix parti f'dawn il-proceduri, u ma kellha ebda interess tintavola dawn il-proceduri.

Pero il-fatt li dawn il-proceduri gew istitwiti minn Domenic Anastasi f'ismu proprju – il-persuna li giet notifikata bl-ittra ufficjali u li allura kellha d-dritt li tintavola dawn il-proceduri – u mis-socjeta Dominic Anastasi Limited, li kif inghad ma kellha l-ebda interess tintavola dawn il-proceduri – ma jgibx is-sanzjoni estrema tan-nullita tal-proceduri.

Presubilment – ghax dan ma jinghadx fir-risposta tal-intimat u ma saret l-ebda trattazzjoni finali fir-rigward – l-intimat qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 789(1)(c) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk: *"jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;"*

Fis-sentenza **The Margarine Import Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] irriteniet hekk:

*"Jinghad in linea ta' massima illi t-teorija l-aktar accettabbli mill-Qrati, f'kazijiet ta' nullita tal-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita u mhux in-nullita tal-att. Dan in omagg ghal principju illi n-nullitajiet ghad-deficjenzi procedurali ghandhom jigu skoraggiti u fejn hu possibbli l-atti jigu salvati.*

*Dan il-hsieb, illum aktar minn qabel, hu in armonija mal-innovazzjonijiet u l-aggornamenti procedurali introdotti bl-Att XXIV tal-1995 ghal Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Gja fl-imghoddi Qrati differenti, ispirati mill-htiega tat-twettieq ta' dak imfassal bhala "la giustizia del dato caso", kienu jharsu, aktar milli lejn il-legalizmu u l-formalizmu, "lejn dak li hu skont il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn mehtieg, moderata mill-principju tal-ekwita" (Vol. XXIX.i.1171; Caremo Meli vs Anthony Sammut, Appell Kummerc, 22.12.1970). Gie emfasizzat per ezempju f'decizjoni ormai sekolari illi l-formalizmu r-rigorizmu asagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala "il sistema proprio dell'infanzia del diritto" – Xuereb vs Xuereb, 02.01.1883."*

Fid-dawl tad-disposizzjoni tal-ligi fuq citata u fid-dawl tal-insenjament, huwa ovvju li din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat ma tistax tigi milqugha. Il-fatt li dawn il-proceduri gew intavolati mhux biss mill-persuna li kienet legalment intitolata li tintavolahom, cioe Dominic Anastasi f'ismu proprju, izda wkoll minn terza persuna li m'ghandhix x'taqsam mal-vertenza odjerna, ma rreka l-ebda pregudizzju lill-intimat, u effettivament huwa lanqas jaghmel l-icken allegazzjoni li dan l-izball procedurali arrekalu xi pregudizzju.

Inoltre, dan l-izball procedurali huwa facilment salvabbli billi fil-parti disposittiva ta' dan il-provvediment, din il-Qorti tiddikjara li s-socjeta Domenic Anastasi Limited m'ghandha l-ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*<u>It-Tieni Eccezzjoni Preliminari – It-talba fir-rikors oderjn ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 253(e) tal-Kodici ta' Procedura Civili</u>*

L-intimat jissottometti illi fir-rikors odjern qed jintalab merament is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala, u mhux dikjarazzjoni tal-validita taghha, u konsegwentement it-talba fir-rikors odjern ma tinkwadrax ruhha taht l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa vera li fit-talba fir-rikors odjern, jinghad hekk *"Ghaldaqstant l-esponent, <u>filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti</u>, u filwaqt li jirrizerva li jgib kwalsiasi prova ohra permissibbli fil-ligi, jitlob reverentement lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-ezekuzzjoni ta' tali kambjala fil-konfront tal-esponent … …*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Pero fil-paragrafu immedjatament precedenti ghal din it-talba finali, ir-rikorrent jghid hekk: *"Illi ghaldaqstant il-prezenti rikors qieghed isir ai termini tad-dispost tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-kambjala in ezami hija irrita u nulla stante li l-firma fuq l-istess mhijiex dik tar-rikorrenti."*

Issa l-*proviso* ghall-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 jippreskrivi hekk:
*"B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha ... ... u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."*

Minn qari anki superficjali ta' dan il-*proviso*, huwa ovvju li t-talba fir-rikors promotur saret b'mod korrett u in konformi ma dak li jiddetta l-Artikolu 253(e). Fi proceduri taht il-*proviso* ta' dan l-Artikolu, ir-rikorrent jista' biss jitlob lil din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjala ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati f'dak l-Artikolu, u ma jistax jitlob

dikjarazzjoni li l-kambjala hija invalida. Effettivament din il-Qorti m'hix kompetenti tiddikjara l-kambjala invalida. Tant hu hekk, li l-Artikolu 253(e) stess jipprevedi, li kemm-il darba din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala, l-intimat xorta ghandu d-dritt li jiftah kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, u jesigi l-hlas minghand ir-rikorrent ta' dik il-kambjala. Naturalment, l-intimat ma kienx ikun jista' jezercita dan id-dritt, kemm-il darba, l-kambjala tkun giet dikjarata bhala invalida minn din il-Qorti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti, ma tistax tara kif din it-tieni eccezzjoni tal-intimat tista' tigi milqugha.

*Il-Meritu*

Ladarba gew survolati l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimat, il-Qorti sejra tikkonsidra l-meritu tar-rikors odjern. Il-kontestazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita hija limitata ghal firma fuq l-istess kambjala annessa mal-istess ittra, fejn ir-rikorrent qieghed jikkontendi li din il-firma m'hijiex tieghu.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hatret lil Dottor Anthony Abela Medici, bhala espert kaligrafu, sabiex jezamina l-firem fuq il-kambjala in kwistjoni, kif ukoll fuq id-dokumenti kollha relattivi ghall-ftehim bejn il-partijiet, allegatament iffirmati mir-rikorrent jew min ibnu Luke Anastasi f'isem ir-rikorrent, u jikkomparahom mal-firem tal-istess rikorrent u ibnu.

Fir-rapport tieghu Dottor Anthony Abela Medici ikkonkluda hekk:

*"Illi ghaldaqstant, l-opinjonijiet tal-esponent, kwalifikati b'izjed minn tletin sena esperjenza fl-ezamijiet tal-kaligrafija, kienu:*

1. *Li l-firem genwini ta' Domenic Anastasi, bil-varjazzjoniijiet bejniethom li huma bejn il-parametri ta' varjazzjoni li wiehed jistenna minn firem maghmula minn awtur wiehed tul perjodu ta' zmien ghandhom karetteristici ta' kitba li juru li gew maghmula minn awtur wiehed, cioe Domenic Anastasi.*

2. *Li l-firem genwini ta' Luke Emmanuel Anastasi, bil-varjazzjonijiet bejniethom li huma bejn il-parametri ta' varjazzjoni li wiehed jistenna minn firem maghmula minn awtur wiehed tul perjodu ta' zmien ghandhom karatteristici ta' kitba li juru li gew maghmula minn awtur wiehed, cioe Luke Anastasi.*

3. *Li l-firma fuq id-dokument DA2 ma kienitx il-firma ta' Domenic Anastasi izda ta' terza persuna.*

4. *Li l-firma fuq id-dokument DA4 ma kienitx il-firma ta' Domenic Anastasi izda ta' terza persuna.*

5. *Li l-firma fuq id-dokument DA3 wisq probabbli ma kienitx il-firma ta' Luke Anastasi izda ta' terza persuna.*

6. *Li l-firma fuq id-dokument PM1 probabbli ma kienitx il-firma ta' Luke Anastasi izda ta' terza persuna."*

Id-dokument DA4 hija l-kambjala annessa mal-ittra ufficjali fuq imsemmija, mertu ta' dawn il-proceduri, u li hi mmarkata bhala Dok RP1 mal-istess ittra ufficjali.

Ghaldaqstant, mir-rapport tal-espert kaligrafu jirrizulta li l-kambjala in kwistjoni m'hix iffirmata mir-rikorrent, izda minn terza persuna.

Fis-sentenza **Geswalda Caruana vs Francis Xerri**, deciza fit-30 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:
*"23. Fir-rigward jigi osservat in tema legali li f'materja ta' prova peritali, l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizio dell'arte kif espress mill-perit tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi ragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament*

*ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika" [App.C.Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat [1967] Vol.LI.I.390; u App.C. Philip Grima v. Carmelo Mamo – 29 Mejju 1998]."*

Issa fil-kaz odjern, l-espert kaligrafu dahal f'hafna dettal fir-relazzjoni tieghu biex jimmotiva kif wasal ghal konkluzjonijiet tieghu, u din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tpoggi fid-dubbju din l-opinjoni teknika.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha.

**Konklużjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta Dominic Anastasi Limited m'ghandha ebda interess guridiku f'dawn il-proceduri, konsegwentement ma setghatx tippromwovi dawn il-proceduri;

2. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna s-sospensjoni tal-kambjala mertu tal-ittra ufficjali numru 1827/14 fil-konfront tar-rikorrent Dominic Anastasi, liema ittra ufficjali gietipprezentata fil-15 ta' Mejju 2014.

3. Salv fejn gie diversament ordnat f'dawn il-proceduri, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, eskluzi dawk tas-socjeta Dominic Anastasi Limited, ghandhom jigu subiti mill-intimat Ronald Pavia.

4. L-ispejjez tas-socjeta Dominic Anastasi Limited in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-istess socjeta.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**